# Fw: Attenzjoni

3 messages

**Doreen Fenech** <doreen_fenech@hotmail.com> Sat, Mar 11, 2023 at 10:30 PM
To: Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>

---

**From:** Doreen Fenech <doreen_fenech@hotmail.com>
**Sent:** Saturday, March 11, 2023 10:29 PM
**To:** Mental Health Commissioner at Health <mentalhealthcommissioner.health@gov.mt>; Xuereb Stephanie at Health-Mental Health Services <stephanie.xuereb@gov.mt>; hector.cutajar@gov.mt <hector.cutajar@gov.mt>; joseph.f.spiteri@gov.mt <joseph.f.spiteri@gov.mt>
**Subject:** Attenzjoni

Kummissarju ghas-Sahha Mentali, Denis Vella Baldacchino,

CEO Sptar Monte Carmeli Stephanie Xuereb,

Psikjatra Joseph  F Spiteri,

Psikjatra Hector Cutajar

Għandna nifhmu li kellha tiġi tkellimkom l-NO tas-sala MW7, Marlene Grech, biex tirranġawla ħalli terġa' tagħmel Sajf ieħor ġurnata kollha ġġib it-tfal fis-sala MW7 jilgħabu bil-computers tal-Gvern tax-xogħol, sala fl-isptar ġabitha litteralment kazin u l-pazjenti qishom l-impestati biex jaraw lill-qrabathom minn wara l-perspex, addirittura fi zmien tal-Covid tipperikola saħħet il-pazjenti aktar ma suppost huma vulnerabbli, bil-barka kollha tac-CEO li kienet infurmata b'email b'dan kollu u anki li lill-pazjenti f'din is-sala jagħmlulhom kafè u ruġġiata bl-ilma tal-vit u l-ilma tajjeb imħallas mill-Gvern jieħduh kollu l-istaff.  Naħseb  li kieku kellha l-iċken dubju c-CEO kienet tiġi tieħu sample ħa tara hux veru.  Immaġina kieku l-ħaġa saret fi skola l-ilma tajjeb joħduh it-teachers u lit-tfal ituhom tal-vit, kieku sal-MInistru tal-Edukazzjoni kien ikollu jirriżenja, imma kif jiġri bħas-soltu fil-psikjatrija, mhux min jabbuża jkun qed jagħmel ħazin imma min jazzarda jikxef l-abbużi.

Qed nitkellmu rigward ħuna Nicholas Grech (ID no 435076M) maqful issekwestrat fl-isptar Monte Carmeli f'din is-sala. Dan tafuh sew għax fl-email li bagħtilkom riċentament kompla għamilkom konxji aktar milli diġa kontu ta' dan u anki kien hemm attachments u dokumenti evidenza, apparti website li ħuna minkejja l-ostakli kollha rnexxielu jwaqqaf (kemm tfittxu ismu u kunjomu titlgħalkom mal-ewwel) fejn hemm l-evidenza kollha għad-dispozizzjoni tagħkom, ma tistgħux bl-ebda mod tinnegaw li m'intomx konxji tal-abbużi sfaċċati li ħuna kellu jsofri, addirittura tħallu sptar, faċilita pubblika, biex fih isiru tant abbużi u jiġu ssekwestrati nies innoċentament, b'ħuna l-vittma per eċċellenza ta' dan kollu.  Tafu sew li kieku ħuna azzarda kiteb l-iċken kelma mhux vera jew abbużiva fil-website jew fl-emails, kieku mhux tiġu tintimidawh bir-restriction of freedom of communication order (mehmuża) imma tagħmlu rapport lill-pulużija tifthulu kaz kriminali, imma tafu sew li dan ma tagħmluhx għax hemm evidenza li tinkriminakhom.  Tafu sew li ħuna m'għandu l-ebda mard mentali, tant li la dan il-Psikjatra Joseph Spiteri u wisq anqas ta' qablu ma qatt applikawlu għall-benefiċċji tal-mard għax jafu li jkunu qed jiffrodaw lill-Gvern, iżda minkejja dan u minkejja li konxji mill-qerq wara t-timbru ta' mentali fuq ħuna xorta tibqgħu tkissruh bil-pirmli u kura velenu b'side effects tal-biża. Flok tieħdu passi fuq il-tant abbużi li ħuna kellu jsofri, mhux talli tilgħabu l-parti tagħkom biex ikompli jiġi abbużat, talli tivvendikaw ruħkom minnu għax jazzarda jiġbor l-evidenza u jirraporta tant abbużi. Tafu  li qed maqful innoċentament b'qerq u dejjem aktar tkomplu taghmluhielu difficli joħroġ l-innoċenza tiegħu, tħalluh maqful issekwestrat, lanqas aċċess għall-main garden u l-leave li kien ingħata, kissrulu l-laptop biex aktar

jagħmluhielu diffiċli jikxef il-qerq u issa caħduh mill-mobile biex aktar jabbużaw bil-libertà  kollha u vendikattivament ġie kkundannat għal għomru maqful innoċentament biex il-vera kriminali jibqgħu barra, għal kull ġurnata li ħuna qed jgħaddi maqful qed jiffrankawha dawk kollha nvoluti li suppost ilhom maqfula l-habs. Saħansitra anki lesti tkissru l-istess Mental Health Act artiklu 3.1.r li jgħid li pazjent għandu jkollu "free and unrestricted communication with the outside world" u intom tagħmlu ezatt l-oppost, ħuna mċaħħad milli jitkellem mhux għax qed jagħmel xi ħaġa kriminali jew abbużiva, imma għax qed jirfes il-kallijiet ta' tant irjus kbar u ħbieb tal-ħbieb.  Aħna ħutu Marianne u Doreen nitolbu laqgħa mmedjata magħkom u biss bil-prezenza ta' ħuna biex aħna nkunu xhieda għalih u ħuna ta' xhieda ghalina. Ħuna sofra biżżejjed abbużi imma li addirittura sab lilkom tkomplu tabbużawh ukoll, hi vera vili.  Tant tagħmlu dan sfaċċatament li għax seħel ġie jkellmu l-Kummissarju għas-Saħħa fi ħdan l-Ombudsman  fit-22 ta' Frar 2023, mank stennew ġurnata oħra  biex ma jagħmluhiex daqshekk ovvja, imma  propju dakinhar stess fl-għaxija kkonfiskawlu l-mobile u biex tkompli tikkonferma l-ħdura li għandhom għal ħuna, sa restriction  of freedom of communication order  ħriġtulu fit- 2 ta' Marzu 2023 minn wara dahru mingħajr ma kellmu l-ebda tabib kollox bil-moħbi, affarijiet li lanqas jitwemmnu kif taqgħu hekk fil-baxx, hekk li baqa' jmur is-social centre kollox normali u kien biss meta ċempilnilu l-Ħadd fl-ghaxija  5 ta'Marzu 2023 li qam pandemonju sħiħ.  Mit-Tnejn anki s-social centre bdew iċahduh milli jmur, mingħajr ma kien hemm l-iċken ġustifikazzjoni tgħid ikkommetta xi reat jew abbuż, sempliċiment dejjem taraw kif tabbużaw u tivvendikaw ruħkom minnu.  Ara għal ċertu pazjent li sawwat pazjent ieħor u għamel tant abbużi, l-ġimgħa ta' wara l-Psikjatra Joseph Spiteri approvalu l-leave.

Wieħed irid ikun veru sadist jaf li hemm bniedem maqful innoċentement sekwestrat abbużat u ma jitkellimx, ma jieħux passi, jekk mhux ukoll jasal ikun parteċipi hu stess fl-abbużi.

Tislijiet

Marianne Grech

Doreen Fenech

---

**Doreen Fenech** <doreen_fenech@hotmail.com> Wed, Apr 26, 2023 at 8:18 PM
To: Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>

---

**From:** Doreen Fenech <doreen_fenech@hotmail.com>
**Sent:** Sunday, March 12, 2023 10:35 AM
**To:** joseph-f.spiteri@gov.mt <joseph-f.spiteri@gov.mt>
**Subject:** Fw: Attenzjoni

[Quoted text hidden]

---

**Doreen Fenech** <doreen_fenech@hotmail.com> Wed, Apr 26, 2023 at 8:28 PM
To: Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>

---

**From:** Doreen Fenech <doreen_fenech@hotmail.com>
**Sent:** Wednesday, April 26, 2023 8:18 PM
**To:** Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>
**Subject:** Fw: Attenzjoni

[Quoted text hidden]